MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 147/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-10 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti zzewgu fil-Kappella ta' omissis fit-8 ta' Settembru 1993 wara tlett snin eghrusija;

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi inoltre l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-istess konvenuta illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kontendenti issimultaw l-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg.

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fit-8 ta' Settembru 1993 huwa null u bla ebda effett fil-Ligi.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fit-8 ta' Settembru 1993 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ma ppresentatx nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci skond il-ligi;

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-attur, ta' omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2006 illi permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-8 ta' Settembru 1993 a bazi tal-artiklu 19 (1) (c), (d), (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuta hija kontumaci u ma ressqitx provi izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f' materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ihra tammetti u b' hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f' kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall annullament tieghu l-istess zwieg ghandhu jigi annullat pero' dan ma ghandhux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991). Dan japplika anke f' kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f' kaz fejn il-konvenut huwa kontumacji u ghaliex hu risaput illi l-kontumacja fl-ordimament guridiku taghna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

L-artikli citati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (c) - il-kunsens inkiseb b' qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta tieghu jista jfixkel serjament il-hajja mizzewga;

19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b' difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b' anomalija serja psikologika litaghmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi porti ikun inkiseb b' eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg.

Mill-provi imressqa mill-attur jidher li l-partijiet izzewgu wara li kienu jafu lil xulxin ghal xi zmien (tlett snin) u kienu anke jahdmu fl-istess post tax-xoghol. L-attur jghid li qatt ma' kellu relazzjoni qabel din. Kellhom zewgt itfal izda skond hu qatt ma' setghu jikkoncentraw fuq ir-relazzjoni ta' bejnithom ghaliex dejjem kienu okkupati bid-dar; irrealizza li kien se jaghmel zball, izda beza jhassar l-eghrusija ghax kienu waslu fl-ahhar preparamenti ghaz-zwieg. Mill-mod kif xehed l-attur jidher li anke illum stess ghadu konfuz dwar ir-relazzjoni li kellhom u dan hu kaz klassiku ta' zwieg ta' zmienijietna fejn minhabba d-diversi *commitments* illi jkollhom il-mizzewgin ma' jkollhomx zmien bizzejjed biex ikollhom relazzjoni li twassal ghal zwieg san. Ghalhekk il-Qorti thoss illi t-talba hija gustifikata.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti fit-8 ta' Settembru 1993; l-ispejjes jkunu bla taxxa.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------